**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 535 tat-18 ta' Jannar 2022 dwar abbozzi ta' Membri privati li jkollhom bżonn il-Messaġġ tal-President**

Fis-Seduta tal-bieraħ tas-17 ta' Jannar 2022, waqt il-ħin tal-mozzjonijiet, l-Onor. David Agius, b'referenza għal *private members bill* ippreżentata mill-Oppożizzjoni fl-10 ta' Jannar 2022, għamel dan l-intervent:

"**L-ISPEAKER:** Mozzjonijiet? L-Onor. David Agius.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Bħal-lum ġimgħa, il-Kap tal-Oppożizzjoni, li bħalissa jinsab imsiefer – allura qed nitkellem f'ismu wkoll – f'ismi u f'isem l-Onor. Robert Cutajar, ressaqna mozzjoni Nru 610 – l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 li jemenda diversi liġijiet biex jimplimenta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Jien illum għandi quddiemi l-Aġenda u l-Ordnijiet tal-Ġurnata u l-Ewwel Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi ma jidhirx. Kif taf inti, għaddew iktar minn tlett ijiem, minn bħal-lum ġimgħa sal-lum. Għalhekk nixtieq nistaqsik, Mr Speaker, għaliex mhix qiegħda fuq l-aġenda u jekk hemm xi raġuni, bħala Oppożizzjoni nixtiequ nkunu nafu x'inhi.

**L-ISPEAKER:** Kif taf inti, l-aġenda jippreżentaha l-Kap tal-Kamra, min-naħa tal-Gvern. Jiġifieri mhix qiegħda fuq l-aġenda għax ma telgħetx fuq l-aġenda min-naħa tal-Gvern. Li nista' ngħidlek dwar dak l-Abbozz – se ngħidlek għax qed tistaqsi – huwa li l-parir li ħadet is-Sedja biex tkun tista' timxi u tirregola lilha nnifisha huwa li dak l-Abbozz għandu bżonn il-Messaġġ tal-President u ovvjament … (Interruzzjonijiet) Dik hija l-pożizzjoni min-naħa tiegħi, għax int staqsejt lili. Kif taf int, mhux jien nagħmel l-aġenda. L-Onor. David Agius fil-qosor ħalli nisma' lin-naħa l-oħra.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Żewġ affarijiet. Naħseb li huwa importanti li jekk inti, Mr Speaker, għandek xi parir dwar dan is-suġġett nitolbuk li taqsmu ma' din il-Kamra billi tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

It-tieni, nixtiequ nkunu nafu wkoll x'inhuma l-oġġezzjonijiet biex dan l-Abbozz jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra sabiex jitpoġġa fuq l-aġenda u b'hekk inkunu nistgħu niddiskutu xi ħaġa li hija ta' importanza nazzjonali bħal din. (Onor. Membri: *Hear, hear*) Din mhix *gimmick*, Mr Speaker. Din hija kwestjoni li din il-Kamra għandha Abbozz quddiemha li jrid jittella' għall-Ewwel Qari biex imbagħad inkunu nistgħu ngħadduh mill-istadji l-oħra.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Qabel ma ngħaddi l-kelma lill-Onor. Glenn Bedingfield, irrid ngħid li l-Ordni Pemanenti 19 – jekk trid taqrah miegħi – huwa ċar. Dan jgħid hekk:

> "Fil-ġranet riżervati għax-xogħol tal-gvern, il-Gvern jista' jirranġa dak ix-xogħol, sew jekk ikunu ordnijiet tal-ġurnata jew avviżi ta' mozzjonijiet, f'dak l-ordni li huwa jidhirlu xieraq."

(Interruzzjonijiet) Iva, imma ħarist in-naħa l-oħra ... L-Onor. David Agius fil-qosor.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Jien mhux qed nitkellem fuq l-ordni. Jien qed ngħid li mozzjoni, skont l-iStanding Orders titpoġġa fuq l-aġenda; mhux jekk hux l-ewwel item, it-tieni jew it-tielet, imma li titpoġġa fuq l-aġenda. Għax jekk ma titpoġġiex inkunu qed niksru l-iStanding Orders. U jekk allura inti qed tikkonfermali li ma tniżżlitx, nitlob *ruling* mingħandek biex naraw għalfejn ma tniżżlitx.

**L-ISPEAKER:** Kollox sew, spjegajtlek imma forsi m'aħniex niftiehmu. Ħalli nisma' lill-Onor. Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, forsi tista' tispjegalu aħjar l-iStanding Orders lill-Onor. David Agius għaliex l-ewwelnett anke l-Oppożizzjoni stess qed tammetti li dan huwa *money bill* għax qed tgħid li "l-President, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati mlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità tal-istess ħareġ dan li ġej". (Interruzzjonijiet) Jiġifieri huma stess qed jgħidu li dan huwa *money bill* għax għandu bżonn il-Messaġġ tal-President. (Interruzzjonijiet) Dan huwa *money bill* u jekk huwa *money bill* in-naħa tal-Oppożizzjoni taf li jrid ikun Ministru li jressqu. Jekk huwa *money bill* ma jistax jitressaq mill-Oppożizzjoni. Issa jekk iridu jiddiskutu affarijiet oħrajn, għall-ewwel darba għandhom iċ-ċans li niddiskutuhom *on a Thursday*, imma l-Abbozz ta' Liġi kif inhu ... Fil-ġurnata tagħhom, il-Ħamis, jistgħu jagħmlu d-diskussjonijiet li jridu, imma dan l-Abbozz ta' Liġi ma nistgħux inressquh għax qiegħed *out of order*.

**L-ISPEAKER:** Ħa nagħlqu l-punt. Grazzi. L-Onor. David Agius, l-aħħar kelma ħalli nimxu.

**ONOR. DAVID AGIUS:** L-ewwel nett, dak li qal l-Onor. Glenn Bedingfield, dak li ktibna hemmhekk, jiġi wara li tgħaddi l-liġi. It-tieni, biex inkunu nistgħu ntellgħuh irriduh ikun ... Għax għalina dan mhuwiex *money bill* u jekk huwa *money bill* allura, Mr Speaker, nitolbuk *ruling* biex tindikalna fejn huwa *money bill*. Jekk hu *money bill*, għax għalina mhux. (Interruzzjonijiet) Allura jekk inti għandek parir partikolari nitolbuk tgħidilna liema klawsoli huma tali li jagħmluh *money bill*.

Barra minn hekk, nixtiequ li dan ir-*ruling* jingħata malajr kemm jista' jkun; nippreferu li jingħata llum qabel għada, għar-raġuni li aħna għandna l-Ħamis ... Kif qal il-kollega, aħna għandna l-Ħamis riżervat imma biex tkun tista' tutilizzah, l-*item* irid ikun fuq l-aġenda parlamentari.

Irridu ngħidu li din mhix *gimmick*, imma hija xi ħaġa nazzjonali li għandna bżonn niddiskutu.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Jien ovvjament ir-*ruling* se nagħtih kemm jista' jkun malajr biex ikun hemm direzzjoni kemm jista' jkun malajr."

Is-Sedja tifhem li qiegħda tintalab tagħti *ruling* dwar żewġ punti:

- Għaliex fuq l-aġenda ma ttellgħatx il-mozzjoni tal-Ewwel Qari ta' dan il-*private members bill*; u

- Għaliex dan il-*private members bill* qiegħed jitqies bħala *Money Bill*.

Dwar l-ewwel punt is-Sedja tibda billi terġa' tirreferi għall-Ordni Permanenti 19 li jgħid hekk:

> "**19.** Fil-ġranet riżervati għax-xogħol tal-Gvern, il-Gvern jista' jirranġa dak ix-xogħol, sew jekk ikunu ordnijiet tal-ġurnata jew avviżi ta' mozzjonijiet, b'dak l-ordni li huwa jidhirlu xieraq."

Dan ifisser li l-prerogattiva ta' x'jittella' fuq l-Aġenda fil-ġranet riżervati għal xogħol tal-Gvern, bħalma kienet fil-fatt is-seduta tal-bieraħ, hija totalment tal-Gvern.

Dwar l-argument tal-Onor. Agius li ladarba għaddew tliet ijiem, il-mozzjoni tal-Ewwel Qari dwar dan il-*private members bill* kellha titla' fuq l-aġenda, is-Sedja tinnota li l-Ordni Permanenti relevanti bl-ebda mod ma jgħid li tassattivament il-mozzjoni trid bilfors tittella' u f'dan ir-rigward nikkwota l-Ordni Permanenti 22:

> "**22.** Avviż ta' interpellanza jew mozzjoni jingħata billi tiġi kkonsenjata kopja tiegħu lill-Iskrivan tal-Kamra. Dik il-kopja għandha tkun miktuba pulit, u għandha jkollha l-firma tal-membru li jkun ser iressaqha. Għandu jingħata avviż ta' mill-anqas tlitt ijiem għal interpellanza jew għal mozzjoni."

Minn dan joħroġ ċar li t-terminu ta' tliet ijiem li ssir referenza għalih f'dan l-Ordni Permanenti huwa l-perjodu minimu li mozzjoni teħtieġ minn meta tiġi ppreżentata sa meta titressaq fil-Kamra billi tidher fuq in-Notice Paper, u bl-ebda mod ma jgħid li mozzjoni trid bilfors tittella' wara tliet ijiem.

Għaldaqstant, fir-rigward tal-ewwel punt imressaq mill-Onor. Agius is-Sedja tirrileva li l-Ewwel Qari tal-*Private Members Bill* ma ttellax fuq l-Aġenda tas-seduta parlamentari tal-bieraħ għaliex il-Gvern għażel li ma jtellgħux, u dan skont l-istess regolamenti tal-Kamra.

F'dan ir-rigward is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal dak li jgħid l-Artikolu 73 tal-Kostituzzjoni kif rifless fl-Ordni Permanenti 69 li jgħid hekk:

> "**69.** Ħlief fuq rakkomandazzjoni tal-President ta' Malta murija minn Ministru, il-Kamra ma għandhiex –
>
> (a) timxi 'l quddiem dwar xi abbozz ta' liġi (kif ukoll kull emenda għal abbozz ta' liġi) li, fil-fehma tal-persuna li tkun tippresjedi fil-Kamra, jipprovdi biex issir jew tiżdied xi taxxa, biex isir jew jiżdied xi piż fuq id-dħul jew fondi oħra ta' Malta jew dwar it-tibdil ta' xi piż bħal dak ħlief fejn jiġi mnaqqas, jew dwar il-ftehim jew maħfra ta' xi dejn dovut lil Malta;

(b) timxi ’l quddiem dwar xi mozzjoni (inkluża xi emenda għal mozzjoni) li l-effett tagħha, fil-fehma tal-persuna li tkun qed tippresjedi fil-Kamra jkun li tagħmel provvediment dwar xi wieħed mill-finijiet imsemmija qabel; u

(ċ) tirċievi xi petizzjoni li, fil-fehma tal-persuna li tkun tippresjedi fil-Kamra, teħtieġ li jsir provvediment għal xi wieħed mill-iskopijiet imsemmija qabel.”

Mill-qari ta’ dan l-Ordni Permanenti, senjatament il-kliem:

“Ħlief fuq rakkomandazzjoni tal-President ta’ Malta murija minn Ministru, il-Kamra ma għandhiex timxi ’l quddiem dwar xi abbozz ta’ liġi (kif ukoll kull emenda għal abbozz ta’ liġi) li, fil-fehma tal-persuna li tkun tippresjedi fil-Kamra, jipprovdi biex issir jew tiżdied xi taxxa, biex isir jew jiżdied xi piż fuq id-dħul jew fondi oħra ta’ Malta”

is-Sedja qiegħda tifhem li:

- Ladarba abbozz ta’ liġi jimpinġi fuq in-nefqa tal-Gvern, ikun jeħtieġ ir-rakkomandazzjoni tal-President;

- Ladarba abbozz ta’ liġi jkun jeħtieġ rakkomandazzjoni tal-President, ma jistax jimxi ’l quddiem fil-proċess leġiżlattiv jekk ma jkollux l-approvazzjoni tal-Gvern fil-forma ta’ rakkomandazzjoni tal-President murija minn Ministru;

- Il-kliem “il-Kamra ma għandiex timxi ’l quddiem dwar xi abbozz ta’ liġi” huwa provvediment tassattiv li ma jħallix lill-Kamra tipproċedi b’xi mod fi kwalunkwe stadju dwar xi abbozz li jkun jeħtieġ rakkomandazzjoni tal-President, jekk tali rakkomandazzjoni ma tkunx ingħatat.

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni li jgħid li:

“Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu l-President għandu jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett jew ta’ Ministru li jaġixxi skont l-awtorità ġenerali tal-Kabinett ħlief fil-każijiet meta huwa meħtieġ b’din il-Kostituzzjoni jew b’xi liġi oħra li jaġixxi skont il-parir ta’ xi persuna jew awtorità li ma tkunx il-Kabinett.”

Minn dak li joħroġ minn dan l-artikolu u skont parir legali li kellha s-Sedja mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali dwar *private members bill* ieħor u li dwaru kienet tat *ruling* fl-24 ta’ Frar 2016, is-Sedja jirriżultalha li dan il-każ li għandna quddiemna japplika wkoll għalih ir-rekwiżit fuq imsemmi, jiġifieri li biex tinħareġ rakkomandazzjoni mill-President jeħtieġ il-parir tal-Kabinett.

Hawnhekk is-Sedja tixtieq tirrileva li għalkemm wieħed jista’ għall-ewwel jara din il-proċedura bħala li tillimita l-jedd tal-Oppożizzjoni li tressaq abbozzi, min-naħa l-oħra wieħed irid iżomm f’moħħu li r-responsabbiltà tan-nefqa pubblika taqa’ fuq il-gvern tal-ġurnata, u għalhekk isegwi li għandu jkun l-istess gvern li japprova kull nefqa addizzjonali minn fondi pubbliċi.

Dawn huma r-regolamenti tal-Kamra kif illum viġenti, u s-Sedja u kull Membru tal-Kamra huma marbuta li jimxu magħhom.

Is-Sedja issa se tgħaddi biex tispjega għaliex fil-fehma tagħha dan il-*Private Members Bill* għandu jitqies bħala Abbozz ta' Liġi li jeħtieġlu r-rammokandazzjoni tal-President.

Is-Sedja tibda billi tgħid li l-Ordni Permanenti 69 fuq ċitat jitfa' l-onus tad-deċiżjoni dwar jekk abbozz ta' liġi jkunx jeħtieġx rakkomandazzjoni tal-President b'mod ċar fuq min jippresjedi l-Kamra, u allura fuq is-Sedja. Irid jingħad ukoll li meta tiġi biex tieħu din id-deċiżjoni, is-Sedja, skont prassi kostanti adottata matul numru ta' leġiżlaturi passati u amministrazzjonijiet differenti, dejjem titlob parir legali. Dan qabel kienet titolbu mingħand l-Avukat Ġenerali u wara t-twaqqif tal-Avukat tal-Istat, bdiet titlob dan il-parir mill-Uffiċċju tal-istess Avukat tal-Istat.

Wara li din l-proċedura ġiet segwita wkoll fir-rigward tal-*private members bill* inkwistjoni, is-Sedja waslet għall-fehma li l-Abbozz ta' Liġi mressaq mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. David Agius u l-Onor. Robert Cutajar, f'isem l-Oppożizzjoni, jeħtieġ ir-rakkomandazzjoni tal-President.

Biex waslet għal din id-deċiżjoni s-Sedja ħadet nota tal-provvediment proposti fit-Taqsima III li jirrigwardaw emendi għall-Kodiċi Kriminali sabiex "jiġi stabbilit Maġistrat Inkwirenti Speċjali għall-fini tat-twettiq ta' investigazzjonijiet dwar prattiki korrotti u għall-bidu ta' proċeduri kriminali kontra persuni għal prattiki korrotti ...". Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja avviċinat ukoll lill-Onor. Jason Azzopardi li min-naħa tiegħu ddikjara li l-*private members bill* tal-Oppożizzjoni, inkluż il-proposti dwar it-twaqqif ta' maġistrat inkwirenti, ma kellha l-ebda spiża addizzjonali fuq l-erarju pubbliku. F'dan ir-rigward l-Onor. Azzopardi qal illi:

- ir-referenza għall-bini xieraq li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għandu jipprovdi għall-Maġistrat Inkwirenti Speċjali, hija fil-fatt referenza għall-bini eżistenti tal-Qrati;

- ir-referenza għall-impjegati li l-Maġistrat Inkwirenti għandu jiddetermina li għandu bżonn biex jaqdi d-doveri tiegħu, għandhom jiġu magħżula minn uffiċjali pubbliċi; u

- li l-Maġistrat Inkwirenti Speċjali għandu jkun maħtur minn fost il-Maġistrati sedenti.

Is-Sedja tirrileva li għalkemm l-Onor. Azzopardi qiegħed jgħid li l-bini li ssir referenza għalih fil-*private members bill* huwa l-bini eżistenti tal-Qrati, fil-fatt fl-Abbozz m'hemm l-ebda referenza għal dan iżda hemm biss li l-Ministru għandu jipprovdi bini xieraq lill-Maġistrat Inkwirenti Speċjali.

Is-Sedja tirrileva wkoll li l-assenjazzjoni ta' riżorsi eżistenti, kemm ta' membru tal-ġudikatura u kemm ta' uffiċjali pubbliċi għal din il-funzjoni ġdida, se jkollu l-effett li dan l-istess maġistrat u ħaddiema se jkunu qed jitwaqqfu mix-xogħol eżistenti li qed jagħmlu bħalissa. Dan ifisser li jkunu jridu jiġu allokati riżorsi oħra biex ix-xogħol li kien qed jitwettaq minnhom qabel ikompli jsir.

Apparti minn hekk is-Sedja tara li n-natura u r-rwol propost għal dan il-maġistrat inkwirenti timplika l-allokazzjoni ta' riżorsi oħra li jistgħu jkunu anke sinfikanti biex dan il-maġistrat ikun

jista' jaqdi l-funzjonijiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni tiegħu kif previst fil-*private members bill*. Dan għaliex fil-preżent is-sistema ġudizzjarja Maltija (Maltese criminal justice system) ma taħsibx għal tali struttura u dan anke kif konfermat mill-parir legali li għandha s-Sedja.

Din hija r-raġuni primarja li għaliha s-Sedja hija tal-fehma li r-rakkomandazzjoni tal-President hija meħtieġa biex il-Kamra timxi 'l quddiem fuq dan il-*private members bill*.